KAPITOLU 05

# Implimentazzjoni tal-Bidliet Proposti fis-Sistema tal-Pensjonijiet

05

SOMMARJU

**01. Jippreżenta limiti ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-bidliet proposti.**

**02. Jippreżenta valutazzjoni tal-bidliet proposti fuq benefiċċjarji u l-ispiża għas-sistema proposta tal-pensjonijiet.**

**03. Jippreżenta astratt tal-bidliet proposti.**

**04. Jippreżenta rikonċiljazzjoni bejn il-bidliet proposti u r-rakkomandazzjonijiet prinċipali tal-Bank Dinji.**



# 05.1 Implimentazzjoni tal-bidliet proposti għas-sistema tal-pensjonijiet

Is-sistema ġdida proposta tal-pensjonijet hija mmirata biex, permezz ta':

01. L-Ewwel Pilastru, tipprovdi livell ta' għixien deċenti konformement mal-kontribuzzjonijiet imħallsa.

02. It-Tieni Pilastru, li ttejjeb il-livell ta' għixien ta' persuna matul l-età ta' l-irtirir.

03. It-*Tielet Pilastru*, li tagħti l-opportunità lil persuna li tinvesti aktar biex tkun tista' tilħaq l-aspettattivi ta' ċertu tip ta' ħajja magħżula.

**PENSJONI TA' L-EWWEL PILASTRU**

- Mandatorja
- Il-pensjoni ta' wara l-irtirar indijata skond il-prezz bl-imnut
- Il-garanzija tal-pensjoni minima indijata ma' mekkaniżmu ġust kontra l-inflazzjoni
- Perjodu ta' 40 sena bbażat fuq iż-żmien ta' akkumulazzjoni ta' kontribuzzjonijiet (implementat fuq bażi gradwali)
- Żewġ terzi tal-paga bażika sal-livell tal-MPI
- MPI preżenti iżda indiċjat ma' l-RPI (Lm6,750)
- Jiġu kkunsidrati krediti għal tagħlim tul il-ħajja
- Jiġu kkunsidrati krediti għar-responsabbilitajiet tal-ġenituri rigward it-twelid tat-trabi u t-trobbija tat-tfal
- Bażi ta' kontribuzzjonijiet fuq il-paga bażika
- Kontribuzzjoni sa ċertu livell u tiġdid paragunata ma' l-MPI
- Bbażata fuq l-età ta' l-irtirar
- Possibbilità li twaqqaf l-irtirar gradwali

Kont tal-Pensjonijiet trasparenti
- Bbażat fuq konformità PAYG
- L-ebda tibdil għall-kontribuzzjoni

**Tipprovdi livell ta' għixien deċenti**

**SKEMA TAL-PENSJONIJIET TAT-TIENI PILASTRU**

- Mandatorja sa l-2010; iżda ntrodotta fl-2006 fuq bażi volontarja
- Qafas komuni iżda flessibbli
- L-ebda ħruġ
- Trasferibbli l-kontribuzzjonijiet eżenti mit-taxxa
- Perentwali stabbilita għat-taxxa fuq id-dħul meta l-fond jimmatura
- Parti minnha titħallas f'somma waħda meta timmatura u l-parti prinċipali titqiegħed f'vitalizzju biex tipprovdi pensjoni annwali

**SKEMA TAL-PENSJONIJIET TAT-TIELET PILASTRU**

- Volontarja
- Kontribuzzjoni eżenti mit-taxxa soġġetta għal valur limitat
- Taxxa fuq id-dħul bir-rata tal-PAYE meta timmatura

Regolata mill-MFSA bla ħsara għall-Att li jirregola Fondi

Salvagwardji regolatorji

**Ittejjeb il-livell ta'**

Tikkompensa l-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru

**Fond tas-Saħħa**
Kontribuzzjoni mill-Ewwel Pilastru għandha tiġi stabbilita

**KONTRIBUTUR**

Età statutorja ta' l-irtirar għandha tkun ta' 65 sena bl-implimetazzjoni mqassma skond segmenti ta' etajiet. Kapaċità li wieħed jaqlà dħul mhux limitat waqt li jgawdi mill-pensjonijiet ta' l-Ewwel Pilastru u tat-Tieni Pilastru suġġett għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet.

Il-PWG jipproponi ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin għall-implimentazzjoni tal-bidliet fis-sistema tal-pensjonijiet.

## Pensjonanti Preżenti

01. Pensjonanti preżenti u individwi li rtiraw qabel l-implimentazzjoni tal-bidliet proposti ma jkunux affettwati bir-rakkommandazzjonijiet proposti.

## Età ta' l-Irtirar

02. L-età ta' l-irtirar għandha tiżdied għal 65 sena kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa. Sabiex jitnaqqas l-impatt ta' din il-bidla qed jiġi propost li din il-miżura tiġi ntrodotta gradwalment kif ġej:
   (a) Rigward in-nisa, l-età tal-pensjoni tkun 61 sena b'effett mill-1 ta' Jannar, 2007.
   (b) Iż-żieda ta' l-età tal-pensjoni għal kulħadd għall-għatba ta' 65 sena tibda mill-1 ta' Jannar, 2007, persuni li jkollhom l-etajiet li ġejjin jirtiraw kif ġej:

| Età fl-1 ta' Jannar 2007 | L-età ta' l-irtirar |
|---|---|
| 55 sena u iktar | L-ebda bidla |
| 52 sena sa 54 sena | 62 sena |
| 49 sena sa 51 sena | 63 sena |
| 48 sena u inqas | 65 sena |

## Il-Pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru

03. Il-garanzija ta' pensjoni minima għandha tkun aġġustata kull sena biex tiżgura l-valur tagħha kontra l-inflazzjoni. Din ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi implimentata mill-1 ta' Jannar, 2007.

04. Biex jitnaqqas l-impatt ta' din il-bidla, qed jiġi wkoll propost li din il-miżura tiġi ntrodotta b'mod gradwali kif ġej:

| Età fl-1 ta' Jannar 2007 | Perjodu ta' Akkumulazzjoni |
|---|---|
| 46 sena u iktar | L-ebda bidla mill-perjodu ta' akkumulazzjoni preżenti |
| 40 sena sa 45 sena | 35 sena |
| 39 sena u inqas | 40 sena |

05. Il-linja bażi għall-kalkolu tal-pensjoni taż-żewġ terzi ta' l-Ewwel Pilastru għandha tinbidel mill-aħjar tliet snin konsekuttivi mill-aħħar għaxar snin għall-impjegati u mill-medja tad-dħul nett ta' l-aħħar għaxar snin għal persuni li jaħdmu għal rashom għall-medja ta' akkumulazzjoni ta' kontribuzzjonijiet ta' 40 sena kemm għall-impjegati kif ukoll għal persuni li jaħdmu għal rashom. Din ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi implimentata mill-1 ta' Jannar, 2007. Biex jitnaqqas l-impatt ta' din il-bidla hu propost li din il-bidla tiġi introdotta b'mod gradwali kif ġej:

| Età fl-1 ta' Jannar, 2007 | Linja bażi għall-kalkolu ta' l-Ewwel Pilastru |
|---|---|
| 55 sena u iktar | L-ebda bidla mill-perjodu ta' akkumulazzjoni preżenti |
| 50 sena sa 54 sena | Medja ta' l-aħjar 5 snin |
| 45 sena sa 49 sena | Medja ta' l-aħjar 10 snin |
| 44 sena u inqas | 40 sena |

06. Għandu jinħoloq reġim b'saħħtu ta' konformità biex jissalvagwardja persuni onesti u ħabrieka kif ukoll biex ixejjen l-abbuż, il-frodi u l-użu ħażin; għandha tittieħed azzjoni b'effett immedjat.

07. Id-dħul tal-pensjoni ta' wara l-irtirar taż-żewġ terzi ta' l-Ewwel Pilastru tiżdied kull sena għall-pensjonanti kollha fuq bażi uniformi annwali. Il-bażi uniformi annwali li għandha tiġi applikata għandha tkun l-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut. Din ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi implimentata mill-1 ta' Jannar, 2007.

08. Persuna tista' tiddeċiedi li tkompli taħdem wara l-età statutorja ta' l-irtirar ġdida waqt li tgawdi mill-Pensjoni taż-żewġ terzi ta' l-Ewwel Pilastru (u tat-Tieni Pilastru) b'ebda limitu fuq id-dħul waqt li tħallas l-kontribuzzjoni ta' l-Ewwel Pilastru. Din il-miżura tibda sseħħ flimkien mar-rakkomandazzjonijiet proposti dwar l-età ta' l-irtirar.

09. L-iskema preżenti tal-pensjonijiet ta' l-invalidità għandha tiġi riveduta bil-ħsieb li l-kriterji ta' eliġbilità jsiru aktar stretti kif ukoll biex jiġi adottat il-prinċipju ta' 'rijabilitazzjoni jew xogħol alternattiv qabel il-pensjoni'. Għandha tittieħed azzjoni b'effett immedjat.

10. Il-limitu tad-Dħul Pensjonabbli Massimu ta' l-Ewwel Pilastru għandu jkun id-dħul pensjonabbli massimu preżenti aġġustat kull sena biex iqis l-inflazzjoni. Din ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi implimentata mill-1 ta' Jannar, 2007.

11. Il-kontribuzzjonijiet tal-Klassi I u tal-Klassi II m'għandhomx jinbidlu.

12. Parti mill-kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali għandha tiffinanzja s-servizzi tas-saħħa. Dan għandu jiġi deċiż kemm jista' jkun malajr fl-2005.

13. Għandu jiġi stabbilit kont *ring fenced* għal benefiċċji kontributorji u pensjonijiet, bir-regolamentazzjoni trasparenti xierqa. Din ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi implimentata mill-1 ta' Jannar, 2007.

14. Benefiċċji mhux kontributorji għandhom ikunu ffinanzjati permezz tal-Fond Konsolidat. Din ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi implimentata mill-1 ta' Jannar, 2007.

15. Għandu jiġi introdott strument li jqis r-responsabbilitajiet tal-ġenituri rigward perjodi tat-twelid u tat-trobbija tat-tfal billi jipprovdi l-ikkreditar gradwali tal-kontribuzzjonijiet ta' individwu kif ukoll il-ħlas ta' kontribuzzjonijiet volontarji taħt kondizzjonijiet stabbiliti. Din il-miżura għandha tiġi deċiża fl-2006 u ntrodotta fl-1 ta' Jannar, 2007.

16. Għandu jiġi introdott strument li jneħħi dawk l-elementi fis-sistema ta' pensjonijiet li jinkoraġixxu perjodi ta' inattività fi ħdan l-ekonomija informali meta l-persuni għandhom jiġu mħajra jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol. Din il-miżura ta' politika għandha tiġi deċiża fl-2006 u ntrodotta fl-1 ta' Jannar, 2007.

17. Għandu jiġi introdott strument li jqis 'krediti' waqt li persuna tkun għaddejja minn perjodi ta' mingħajr ħlas minħabba taħriġ, taħriġ mill-ġdid fi snajja u żvilupp kontinwu. Din il-miżura ta' politika għandha tiġi deċiża fl-2006 u ntrodotta fl-1 ta' Jannar, 2007.

## Skema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru

18. L-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru għandha tkun mandatorja. Madankollu għandha tiġi ntrodotta b'mod transitorju bit-Tieni Pilastru introdott l-ewwel darba fuq bażi volontarja mill-1 ta' Jannar, 2006.

19. L-MFSA u l-Gvern għandhom jaħdmu ma' azjendi finanzjarji tas-settur privat biex iħajruhom biex jintroduċu skema li tippermetti detenturi ta' poloz ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja u poloz simili jikkonvertu dawk il-poloz f'pensjoni tat-Tieni Pilastru. L-azzjoni għandha tibda fl-2006 u ladarba jintlaħaq ftehim għandu jkun hemm kondizzjoni li tippermetti d-detenturi ta' dawn il-poloz li jagħmlu din l-għażla biex jiddataw is-sottoskrizzjoni tagħhom għall-1 ta' Jannar, 2006.

20. Id-determinazzjoni tal-parametri ta' l-iskema tal-pensjonijiet proposta mandatorja tat-Tieni Pilastru għandha tittieħed fuq il-bażi ta' studji attwarji intensivi li l-Gvern għandu jikkummissjona permezz ta' l-MFSA. Il-Gvern għandu jikkummissjona dan l-istudju permezz ta' l-MFSA waqt li jkun għadddej il-proċess ta' konsultazzjoni.

21. L-indikazzjonijiet permezz tal-mudell imwettaq huma li l-iskema tal-pensjonijiet mandatorja tat-Tieni Pilastru għandha tkun operattiva sa l-2010. Il-Gvern għandu jieħu kull azzjoni meħtieġa biex jistabbilixxi mekkaniżmi xierqa biex din l-Iskema ta' pensjonijiet mandatorja tat-Tieni Pilastru tkun tista' tiġi ntrodotta sa l-2010. Madankollu il-Gvern għandu fl-2009 iwettaq valutazzjoni biex jiddetermina jekk il-kondizzjonijiet prevalenti f'dak iż-żmien huma tali li jeħtieġu l-introduzzjoni mandatorja ta' dan il-pilastru sa l-2010.

## Skema tal-Pensjonijiet tat-Tielet Pilastru

22. Is-sistema ġdida tal-pensjonijiet għandha tipprovdi wkoll għal Tielet Pilastru li jkun għażla volontarja biex jikkumplimenta d-dħul mill-pensjonijiet. L-Iskema tal-pensjonijiet tat-Tielet Pilastru għandha tiġi ntrodotta mill-1 ta' Jannar, 2006.

## Regolamentazzjoni ta' l-Iskemi tal-Pensjonijiet tat-Tieni u tat-Tielet Pilastru

23. Ir-regolamentazzjoni ta' l-iskemi tal-pensjonijiet tat-Tieni u tat-*Tielet Pilastru* għandha tingħata f'idejn l-MFSA li taġixxi taħt l-Att ta' l-2002 li jirregola Fondi Spejali. Din l-awtorità għandha tingħata lill-MFSA b'effett immedjat sabiex ix-xogħol meħtieġ għall-introduzzjoni ta' skema tal-pensjonijiet volontarja tat-Tieni Pilastru u ta' skema tal-pensjonijiet tat-Tielet Pilastru tkun kompletata fl-2005.

## Reviżjoni Perjodika tas-Sistema tal-Pensjonijiet

24. L-istruttura ġdida tal-pensjonijiet ladarba introdotta ma tistax titqies bħala immutabbli u fejn ma tista' ssir ebda reviżjoni jew bidla. L-istruttura tal-pensjonijiet għandha tkun riveduta kontinwament sabiex il-parameterizzazzjoni, il-kalibrazzjoni u l-bidliet isiru b'mod inkrementali u skond l-evoluzzjoni.

    Għalhekk, huma essenzjali il-kontroll perjodiċi fuq is-saħħa tas-sistema ġdida tal-pensjonijiet biex jitqiesu ħtiġiet emerġenti u bidliet fil-qafas soċjali u ekonomiku tan-nazzjon tagħna. Dawn ir-reviżjonijiet u verifiki dwar kontrolli għandhom jitwettqu kull ħames snin.

    L-ewwel reviżjoni perjodika strutturata tas-sistema tal-pensjonijiet għandha titwettaq fl-2009.

## 05.2L-Impatt tal-Bidliet Proposti fuq is-Sistema tal-Pensjonijiet

L-impatt tal-bidliet proposti jiġi valutat fuq żewġ saffi. L-ewwel saff jagħmel stima ta' l-impatt tal-bidliet proposti fuq il-benefiċċji ta' pensjoni li għandhom jiġu riċevuti minn kontributuri. It-tieni jagħmel stima ta' l-impatt tal-bidliet proposti fuq l-ispiża tas-sistema tal-pensjonijiet.

## 05.2.1 Impatt fuq il-Benefiċjarji

Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ġie mitlub mill-PWG biex jagħmel stima ta' l-impatt tal-bidliet proposti fuq persuni li fil-preżenti jaħdmu fil-karigi murija hawn taħt. Il-mudelli jissimulaw numru ta' xenarji ta' persuni ta' etajiet differenti:

- Ħaddiem manwali
- Ħaddiem klerikali
- Assistent Prinċipal
- Prinċipal Anzjan
- Direttur.

Il-mudelli tax-xenarji jidhru fit-Tabella 11. Is-supposizzjoni bażika meħuda hija li r-rata annwali ta' l-inflazzjoni tkun 2.5%. Kif jidher mit-Tabella 11 l-impatt prinċipali tal-pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru jkun fuq dak is-segment ta' ħaddiema li jkollu 45 sena jew inqas fid-data ta' l-introduzzjoni tal-bidliet proposti tal-pensjoni.

**Tabella 11: Impatt fuq il-Benefijarji - Mudelli ta' Xenarji**

| GRUPP TA' L-ETAJIET | ĦADDIEM TAL-GRAD 20 | ĦADDIEM KLERIKALI |
|---|---|---|
| Persuna li għandha 55 sena li tikseb Pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru taħt is-Sistema preżenti tal-Pensjoni | - Jirtira meta jkollu 61 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm57.07**<br>- Meta jkollu 75 sena, il-pensjoni fil-ġimgħa tkun ta' **Lm80.65** | - Jirtira meta jkollu 61 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm75.98**<br>- Meta jkollu 75 sena, il-pensjoni fil-ġimgħa tkun ta' **Lm107.37** |
| Persuna li għandha 52 sena li tikseb Pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru taħt is-Sistema preżenti tal-Pensjonin | - Jirtira meta jkollu 62 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta'—**Lm63.00**<br>- Meta jkollu 75 sena, il-pensjoni fil-ġimgħa tkun **Lm80.65** | - Jirtira meta jkollu 62 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm83.87**<br>- Meta jkollu 75 sena, il-pensjoni fil-ġimgħa tkun **Lm107.37** |
| Persuna li għandha 45 sena li tikseb Pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru taħt il-bidliet proposti | - Jirtira meta jkollu 65 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm80.65**<br>- Jekk l-iskema tal-pensjonijiet tat-Tieni Pilastru hi mandatorja ntrodotta għal persuni li għandhom 45 sena u anqas il-benefiċċju tal-pensjoni ta' hawn fuq jiġi supplementat bil-pensjoni tat-Tieni Pilastru | - Jirtira meta jkollu 65 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm107.36**<br>- Jekk l-iskema tal-pensjonijiet tat-Tieni Pilastru hi mandatorja ntrodotta għal persuni li għandhom 45 sena u anqas il-benefiċċju tal-pensjoni ta' hawn fuq jiġi supplementat bil-pensjoni tat-Tieni Pilastru |
| Persuna li għandha 44 sena li tikseb Pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru taħt skond il-bidliet proposti | - Jirtira meta jkollu 65 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm76.93**<br>- Jekk l-iskema tal-pensjonijiet tat-Tieni Pilastru hi mandatorja ntrodotta għal persuni li għandhom 45 sena u anqas il-benefiċċju tal-pensjoni ta' hawn fuq jiġi supplementat bil-pensjoni tat-Tieni Pilastru | - Jirtira meta jkollu 65 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm94.38**<br>- Jekk l-iskema tal-pensjonijiet tat-Tieni Pilastru hi mandatorja ntrodotta għal persuni li għandhom 45 sena u anqas il-benefiċċju tal-pensjoni ta' hawn fuq jiġi supplementat bil-pensjoni tat-Tieni Pilastru |
| Persuna li għandha 18 sena li tibda taħdem wara li jiddaħħlu r-riformi proposti, tikseb Pensjoni tal-Ewwel Pilastru | - Jirtira meta jkollu 65 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm98.18**<br>- Jekk l-iskema tal-pensjonijiet tat-Tieni Pilastru hi mandatorja ntrodotta għal persuni li għandhom 45 sena u anqas il-benefiċċju tal-pensjoni ta' hawn fuq jiġi supplementat bil-pensjoni tat-Tieni Pilastru | - Jirtira meta jkollu 65 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm172.93**<br>- Jekk l-iskema tal-pensjonijiet tat-Tieni Pilastru hi mandatorja ntrodotta għal persuni li għandhom 45 sena u anqas il-benefiċċju tal-pensjoni ta' hawn fuq jiġi supplementat bil-pensjoni tat-Tieni Pilastru |

**ASSISTENT PRINĊIPAL**

- Jirtira meta jkollu 61 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm97.15**
- Meta jkollu 75 sena, il-pensjoni fil-ġimgħa tkun ta' **Lm137.28**

- Jirtira meta jkollu 62 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm107.24**
- Meta jkollu 75 sena, il-pensjoni fil-ġimgħa tkun **Lm137.28**

- Jirtira meta jkollu 65 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm137.27**
- Jekk l-iskema tal-pensjonijiet tat-Tieni Pilastru hi mandatorja ntrodotta għal persuni li għandhom 45 sena u anqas il-benefiċċju tal-pensjoni ta' hawn fuq jiġi supplementat bil-pensjoni tat-Tieni Pilastru

- Jirtira meta jkollu 65 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm101.37**
- Jekk l-iskema tal-pensjonijiet tat-Tieni Pilastru hi mandatorja ntrodotta għal persuni li għandhom 45 sena u anqas il-benefiċċju tal-pensjoni ta' hawn fuq jiġi supplementat bil-pensjoni tat-Tieni Pilastru

- Jirtira meta jkollu 65 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm185.43**
- Jekk l-iskema tal-pensjonijiet tat-Tieni Pilastru hi mandatorja ntrodotta għal persuni li għandhom 45 sena u anqas il-benefiċċju tal-pensjoni ta' hawn fuq jiġi supplementat bil-pensjoni tat-Tieni Pilastru

**UFFIJAL PRINĊIPALI ANZJAN**

- Jirtira meta jkollu 61 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm102.89**
- Meta jkollu 75 sena, il-pensjoni fil-ġimgħa tkun ta' **Lm145.38**

- Jirtira meta jkollu 62 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm110.84**
- Meta jkollu 75 sena, il-pensjoni fil-ġimgħa tkun **Lm141.89**

- Jirtira meta jkollu 65 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm133.65**
- Jekk l-iskema tal-pensjonijiet tat-Tieni Pilastru hi mandatorja ntrodotta għal persuni li għandhom 45 sena u anqas il-benefiċċju tal-pensjoni ta' hawn fuq jiġi supplementat bil-pensjoni tat-Tieni Pilastru

- Jirtira meta jkollu 65 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm101.37**
- Jekk l-iskema tal-pensjonijiet tat-Tieni Pilastru hi mandatorja ntrodotta għal persuni li għandhom 45 sena u anqas il-benefiċċju tal-pensjoni ta' hawn fuq jiġi supplementat bil-pensjoni tat-Tieni Pilastru

- Jirtira meta jkollu 65 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm186.43**
- Jekk l-iskema tal-pensjonijiet tat-Tieni Pilastru hi mandatorja ntrodotta għal persuni li għandhom 45 sena u anqas il-benefiċċju tal-pensjoni ta' hawn fuq jiġi supplementat bil-pensjoni tat-Tieni Pilastru

**DIRETTUR**

- Jirtira meta jkollu 61 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm102.89**
- Meta jkollu 75 sena, il-pensjoni fil-ġimgħa tkun ta'ħ**Lm145.38**

- Jirtira meta jkollu 62 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm110.84**
- Meta jkollu 75 sena, il-pensjoni fil-ġimgħa tkun **Lm141.89**

- Jirtira meta jkollu 65 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm133.65**
- Jekk l-iskema tal-pensjonijiet tat-Tieni Pilastru hi mandatorja ntrodotta għal persuni li għandhom 45 sena u anqas il-benefiċċju tal-pensjoni ta' hawn fuq jiġi supplementat bil-pensjoni tat-Tieni Pilastru

- Jirtira meta jkollu 65 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm101.37**
- Jekk l-iskema tal-pensjonijiet tat-Tieni Pilastru hi mandatorja ntrodotta għal persuni li għandhom 45 sena u anqas il-benefiċċju tal-pensjoni ta' hawn fuq jiġi supplementat bil-pensjoni tat-Tieni Pilastru

- Jirtira meta jkollu 65 sena b'pensjoni fil-ġimgħa ta' **Lm186.43**
- Jekk l-iskema tal-pensjonijiet tat-Tieni Pilastru hi mandatorja ntrodotta għal persuni li għandhom 45 sena u anqas il-benefiċċju tal-pensjoni ta' hawn fuq jiġi supplementat bil-pensjoni tat-Tieni Pilastru

Dan jiġri minħabba f'żewġ raġunijiet. L-ewwel, ir-rakkomandazzjonijiet proposti jimmiraw għal bidla fil-bażi tad-determinazzjoni tal-pensjoni minn 30 sena għal 40 sena, kif ukoll għal bidla fil-bażi ta' żmien ta' akkumulazzjoni mill-aħjar tliet snin konsekuttivi ta' l-aħħar 10 snin għal 40 sena.

It-tieni, ir-rakkomandazzjonijiet proposti għas-sistema tal-pensjonijiet huma premessi fuq il-prinċipju kardinali li l-pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru tkun komplementata bl-iskema tal-pensjoni tat-Tieni Pilastru. Għalhekk l-iżbilanċ li jakkumula għal pensjoni mnaqqsa ta' l-Ewwel Pilastru għal dan is-segment ta' persuni jkun kompensat bil-pensjoni tat-Tieni Pilastru.

F'dan ir-rigward l-impatt tar-rakkomandazzjoni fuq benefiċjarji jirrifletti l-kunċett li kien il-qofol tar-rakkomandazzjonijiet: fejn il-pensjoni tat-Tieni Pilastru ssir il-komponent prinipali fis-sistema tal-pensjonijiet għal dawk il-persuni li ser ikunu l-pensjonanti futuri ta' għada.

Ir-riżultati tal-mudelli ġġenerati jkunu ta' tħassib jekk il-bidliet proposti jkollhom impatt fuq is-segmenti tal-popolazzjoni li jkollhom 45 sena u aktar – is-segmenti li ma jgawdux mill-introduzzjoni ta' l-SPPS la darba l-pensjoni tat-Tieni Pilastru teħtieġ żmien suffiċjenti biex takkumula kapital u biex tiġġenera rikavat posittiv fuq dak il-kapital. Madankollu, dan it-tħassib ma jimmaterjalizzax ruħu kif jidher mit-Tabella 11.

Wieħed għandu jinnota li il-pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru hi mistennija li titjieb għal dawk il-persuni li jibdew jaħdmu wara l-introduzzjoni tar-riformi proposti. Kif wieħed jista' jara, persuna li tibda taħdem fl-età ta' 25 sena fl-2014, ser tikseb pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru ogħla. Dan riżultat tar-rakkomandazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-limitu tad-dħul pensjonabbli massimu li jkun suġġett għal aġġustamenti indiċjati ma' l-inflazzjoni.

Madankollu il-pagi wkoll ser ukoll jiżdiedu u kategoriji diversi ta' ħaddiema sejrin jaraw li l-pagi tagħhom huma ogħla mil-livell tal-MPI. Konsegwenza ta' dan hija illi tul iż-żmien il-massimu tad-dħul tal-pensjoni taż-żewġ terzi jintlaħaq minn numru konsiderevoli ta' kategoriji ta' ħaddiema.

Ir-rakkomandazzjoni rigward il-Garanzija tal-Pensjoni Minima – jiġifieri li ż-żidiet għal Pensjoni Minima jiġu mgħaqqda direttament ma' l-inflazzjoni – ikollha r-riżultat illi r-rata ta' aġġustament għal-linja bażi preżenti tiżdied b'rata imnaqqsa milli kieku kellha tiġi bbażata fuq rata stabbilita skond iż-żieda annwali COLA ta' Lm1.50. Taħt il-mekkaniżmu propost sa l-2003, il-garanzija tal-pensjoni massima tiżdied għal Lm73.8 paragunata ma' Lm79.4 taħt il-mekkaniżmu ta' aġġustament COLA.

**Tabella 12: Valutazzjoni tal-Garanzija tal-Pensjoni Minima**

| | | Rata fil-Ġimgħa | Miżjuda skond il-COLA 1.75 | Miżjuda skond l-inflazzjoni 2.5 | Differenza |
|---|---|---|---|---|---|
| **Sena Bażika** | **2004** | **46.15** | **46.15** | **46.15** | |
| | **2005** | | 47.90 | 47.3 | 0.60 |
| | **2006** | | 49.65 | 48.5 | 1.16 |
| | **2007** | | 51.40 | 49.7 | 1.70 |
| | **2008** | | 53.15 | 50.9 | 2.21 |
| | **2009** | | 54.90 | 52.2 | 2.69 |
| | **2010** | | 56.65 | 53.5 | 3.13 |
| | **2011** | | 58.40 | 54.9 | 3.54 |
| | **2012** | | 60.15 | 56.2 | 3.92 |
| | **2013** | | 61.90 | 57.6 | 4.26 |
| | **2014** | | 63.65 | 59.1 | 4.57 |
| | **2015** | | 65.40 | 60.6 | 4.85 |
| | **2016** | | 67.15 | 62.1 | 5.08 |
| | **2017** | | 68.90 | 63.6 | 5.28 |
| | **2018** | | 70.65 | 65.2 | 5.44 |
| | **2019** | | 72.40 | 66.8 | 5.56 |
| | **2020** | | 74.15 | 68.5 | 5.64 |
| | **2021** | | 75.90 | 70.2 | 5.68 |
| | **2022** | | 77.65 | 72.0 | 5.67 |
| | **2023** | | 79.40 | 73.8 | 5.62 |

## 05.2.2 Impatt fuq l-Ispiża tas-Sistema ta' Pensjonijiet

Il-Bank Dinji ġie mitlub mill-PWG biex jagħmel mudell tar-rakkomandazzjonijiet proposti fil-kuntest ta' sitwazzjonijiet varjabbli relatati ma' makro ekonomija. Is-supposizzjonijiet mogħtija lill-Bank Dinji huma preżentati fl-**Appendiċi IV**.

Wieħed għandu jiddikjara li s-supposizzjonijiet makro ekonomiċi mogħtijia lill-Bank Dinji huma differenti minn dawk adottati mill-Bank Dinji meta ppreżenta r-riżultati tiegħu fir-Rapport ta' Marzu ta' l-2004. Għalhekk mhux possibbli li jsir paragun fuq l-istess linja bażi mal-proġettazzjonijiet tar-rapport tal-Bank Dinji ta' Marzu ta' l-2004.

Is-simulazzjonijiet tal-bidliet proposti għas-sistema tal-pensjonijiet juru li:

**Grafika II: Simulazzjoni PROST tal-Bank Dinji ta' Ottubru 2004 : Sostenibilità**



Ix-xenarju ta' l-ebda bidla (Każ Bażiku) jkollu r-riżultat li l-iżbilanċ jiżdied ħafna f'perjodu ta' żmien relattivament qasir : 25 sena. Dan ir-riżultat huwa konsistenti b'mod ġenerali mas-simulazzjoni tal-Bank Dinji ta' Marzu ta' l-2004 (Grafika 09: paġna 46).

L-introduzzjoni tal-bidliet proposti ġġib ir-riżultat li l-iżbilanċ jiżdied b'rata relattivament qawwija matul l-ewwel għaxar snin. Din iż-żieda toħroġ mill-fatt li kontribuzzjonijiet ta' l-Ewwel Pilastru jmorru għall-Fond tas-Saħħa. Wieħed għandhu jgħid, madankollu, li din iż-żieda fl-iżbilanċ matul dan il-perjodu taż-żmien mhix agħar milli kieku ma saru l-ebda bidliet lis-sistema tal-pensjonijiet.

Iżda waqt li l-iżbilanċ ser ikompli jikber fix-xenarju ta' każ bażiku, taħt ix-xenarju tar-riforma proposta l-iżbilanċ ikompli jitjieb u jonqos minn 3% tal-GDP għal 2% tal-GDP sa l-2025.

Dan it-titjib jirriżulta meta l-bidliet proposti (jiġifieri l-parametri proposti tal-Pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru u l-introduzzjoni ta' l-iskema tal-pensjonijiet tat-Tieni Pilastru) jibdew ikollhom effett fuq is-segmenti ta' persuni li jirċievu pensjoni li għalihom huma mmirati:ġenerazzjoni futuri.

L-iżbilanċ fil-proporzjoni għal GDP hu mistenni li jistabilizza ruħu matul il-perjodu tas-simulazzjoni.

**Grafika 12: Simulazzjoni PROST tal-Bank Dinji ta' Ottubru 2004, Ottubru 2004 : Adegwatezza**




Xenarju ta' l-ebda bidla (Każ Bażiku) kif turi il-grafika ta' hawn fuq ikollu r-riżultat li l-benefiċċji medji bħala % tal-paga medja jaqgħu b'mod drammatiku matul il-perjodu tas-simulazzjoni tal-mudell. Dan hu konsistenti mas-simulazzjoni tal-Bank Dinji ta' Marzu 2004 (Grafika 08: paġna 43).

L-introduzzjoni tal-bidliet proposti ikollhom ir-riżultat li l-benefiċċji bħala % tal-paga medja jonqsu sakemm jistabiliżżaw ruħhom għal 30% tal-paga medja sa l-2023 qabel ma dan jibda jitjieb u gradatament jiżdied għal 40% tal-paga medja.

Is-simulazzjonijiet juru li l-bidliet proposti jirnexxilhom ixejnu l-problemi ta' l-adegwatezza tal-benefiċċju medju tal-pensjoni paragunat mal-paga medja. Madankollu, il-bidliet proposti, ma jġibux il-benefiċċju medju paragunat mal-% tal-paga medja għal-livell li jeżisti llum.

Dan ir-riżultat kien mistenni mill-PWG. L-għan tal-bidliet proposti huwa mmirat biex tiġi stabbilita sistema tal-pensjonijiet b'ħafna pilastri, u f'dan il-kuntest jintroduċi bidliet inkrementali li huma mmirati biex jassiguraw sa fejn huwa possibbli livell deċenti ta' adegwatezza u sostenibbilità b'mod illi jtaffi l-impatt li jirriżulta fuq id-dħul disponibbli tal-persuni u l-ispiża fuq in-negozju, li jistgħu bħala riżultat jaffettwaw negattivament l-ekonomija.

Jistgħu dejjem jiġu applikati bidliet radikali – b'impatt negattiv kemm għas-soċjetà kif ukoll għall-ekonomija in ġenerali. Il-PWG hu konvint li approċċ bħal dan ma jkunx wieħed prudenti. Huwa għal dan il-għan li jirrakkomanda ħafna reviżjoni stutturata tas-sistema tal-pensjonijiet kull ħames snin – biex jippermetti lil Gvern tal-ġurnata jagħmel il-bidliet xierqa għas-sistema tal-pensjonijiet fil-ħin billi jqis iċ-ċirkostanzi kif dawn ikunu f'dak iż-żmien.

Waqt li ċerti elementi kritiċi li huma l-qofol tal-Pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru huma fattwali : primarjament li l-popolazzjoni qed tixjieħ, li l-popolazzjoni qed tonqos, in-nuqqas kontinwu fir-rata ta' fertilità, il-mudell huwa fl-aħħar mill-aħħar bbażat fuq supposizzjonijiet. Supposizzjonijiet illi fl-aħħar mill-aħħar mhumiex ħlief supposizzjonijiet – u allura huma vulnerabbli ħafna meta jiġu proġettati fuq perjodu ta' żmien twil kif huwa l-każ fis-simulazzjonijiet immudellati. Il-PWG jemmen li l-implimentazzjoni ta' miżuri radikali llum fuq il-bażi ta' prestazzjoni makro ekonomika preżunta fuq żmien twil mhijiex ta' min jorbot fuqha.

Dan mhuwiex kontra l-konklużjoni ta' dan ir-Rapport li l-materja ta' sistema ta' pensjonijiet adegwati u sostenibbli hija kwistjoni – u għaldaqshekk hija kwistjoni li għandha tiġi ndirizzata. Iżda l-PWG jemmen li llum hemm grad ta' flessibilità biex ikun hemm approċċ għas-soluzzjoni ta' din il-kwistjoni li hu bbażat fuq fażijiet gradwali u mhux approċċ *big bang* li jfisser bidliet radikali mmedjati. Madankollu din il-konklużjoni tal-PWG hija bbażata fuq żewġ premessi kardinali.

L-ewwel, hu meħtieġ qafas tal-kunċett ta' sistema ta' pensjonijiet li l-aħjar jaqdi l-pajjiż. Il-PWG jipproponi s-sistema ta' pensjonijiet ta' ħafna pilastri bħala l-qafas li għandu jiġi adottat f'dan ir-rigward.

It-tieni, is-sistema tal-pensjonijiet għandha tiġi amministrata strateġikament. Għalhekk, għandha ssir reviżjoni kontinwa u kultant żmien ta' kif taħdem is-sistema tal-pensjonijiet biex isiru reviżjonijiet parametriċi u xierqa biex jiġi żgurat li l-mira li tiġi assigurata sistema ta' pensjonijiet adegwati u sostenibbli tinżamm f'kull żmien.

Bħala konklużjoni l-PWG hu konvint li fl-eventwalità li ma tittieħed l-ebda azzjoni fis-snin immedjati, gvernijiet futuri ma jkollhom l-ebda għażla oħra ħlief li jadottaw u jimplimentaw soluzzjonijiet radikali.

## 05.3 Astratt tal-Prinċipji Proposti u Rakkomandazzjonijiet tas-Sistema Ġdida tal-Pensjonijiet

01. Il-Gvern għandu jikkonsidra b'mod posittiv li jippubblika r-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet bħala *White Paper* biex jiffaċilita d-diskussjoni nazzjonali u l-proċess ta' konsultazzjoni meħtieġa dwar din il-materja importanti.
02. Waqt li l-proċess tar-riform tal-pensjonijiet għandu jkun ħolistiku fid-disinn u l-formulazzjoni tiegħu, l-implimentazzjoni tal-miżuri li jikkostitwixxu l-qafas ġdid għandha, kemm jista' jkun, tkun fuq tul ta' żmien u f'fażijiet.
03. Għandu jkun hemm garanzija ta' pensjoni minima li taġixxi bħala xibka ta' sigurtà kontra l-esklużjoni soċjali.
04. Għandu jopera mekkaniżmu ġust biex jassigura awtomatikament il-valur tal-garanzija tal-pensjoni minima kontra l-inflazzjoni.
05. Is-sistema ġdida tal-pensjonijiet għandha tkun sostnuta minn reġim b'saħħtu ta' osservanza biex tissalvagwardja persuni onesti u ħabrieka kif ukoll biex ixxejjen l-abbuż, il-frodi u l-użu ħażin.
06. Is-sistema ġdida tal-pensjonijiet għandha tinkludi skema ta' pensjonijiet tat-Tieni Pilastru biex jiżdied id-dħul tal-pensjoni ta' individwu biex jittejjeb il-livell ta' għixien.
07. Is-sistema ġdida tal-pensjonijiet għandha wkoll tipprovdi għal skema ta' pensjonijiet tat-Tielet Pilastru (TPPS) li tkun għażla volontarja mmirata biex tikkomplimenta id-dħul mill-pensjonijiet.
08. Ir-regolamentazzjoni ta' l-SPPS u tat-TPPS għandha tkun fdata lill-MFSA li taġixxi taħt l-Att ta' l-2002 li jirregola Fondi Spejali.
09. L-SPPS għandha tiġi stabbilita skond f'termini ta' bażi ta' skema komuni iżda flessibbli.
10. Impjegat għandu jkollu d-dritt li jagħżel il-provditur ta' l-SPPS.
11. L-SPPS tapplika wkoll għal minn jaħdem għal rasu.
12. Id-dħul fl-għoti ta' l-SPPS minn azjendi ta' assigurazzjoni fis-settur privat għandu jkun suġġett għal kriterji ta' dħul u ta' prestazzjoni li għandhom jiġu osservati l-ħin kollu.
13. Il-kontribuzzjonijiet ta' l-SPPS imħallsa minn min iħaddem għandhom ikunu strettament separati minn dak il-prinċipal; bil-fond tal-pensjoni stabbilit bħala attiv awtonomu *ring fenced.*

14. L-SPPS għandha tiġi amministrata fuq il-prinċipju ta' *prudent person* flimkien ma' (a) l-inklużjoni ta' limitazzjonijiet speċifiċi biex jiġu determinati l-parametri ta' diversifikazzjoni fil-portfoljo ta' l-investiment u (b) restrizzjonijiet li jillimitaw azjendi ta' l-assigurazzjoni tas-settur privat li jamministraw il-portfoljo milli jinvestu fl-attiv jew fis-sussidjarji tagħhom stess.
15. Għandhom jiġu ntrodotti miżuri li jipprovdu għal protezzjoni finanzjarja ta' kontributuri ta' l-SPPS u pensjonanti kontra l-frodi, l-użu ħażin, il-falliment, etċ., u għandhom jiġu mfassla b'mod li jpoġġu l-anqas piż fuq il-persuni interessati.
16. Il-fondi taħt l-SPPS għandhom ikunu trasferibbli u persuna m'għandux ikollha l-għażla li tillikwida l-fond.
17. Il-kontribuzzjonijiet annwali f'SPPS m'għandhomx jiġu ntaxxati fuq bażi annwali. Taxxa massima, stabbilita fuq rata ta' perċentwali ffisata għandha titħallas meta l-iskema timmatura.
18. L-SPPS meta timmatura għandha tippermetti l-għażla li wieħed jikkonverti parti massima stabbilita tal-fond tal-pensjoni ta' l-individwu f'somma sħiħa u bil-parti l-kbira imqiegħdha bħala vitalizzju biex jipprovdi dħul ta' pensjoni annwali stabbli matul il-ħajja tal-pensjonant.
19. L-SPPS għandha tiġi ntrodotta fuq bażi mandatorja.
20. L-MFSA u l-Gvern għandhom jaħdmu ma' azjendi finanzjarji tas-settur privat biex iħajruhom jintroduċu skema li tippermetti d-detenturi ta' poloz ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja u poloz relatati ma' profitti jikkonvertu dawk il-poloz f' SPPS.
21. L-SPPS għandha tiġi ntrodotta b'mod transitorju; bl-SPPS tiġi ntrodotta fuq bażi volontarja mill-1 ta' Jannar, 2006.
22. Id-determinazzjoni tal-parametri ta' SPPS mandatorja għandha tittieħed fuq il-bażi ta' studji attwarji intensiv.
23. L-indikazzjonijiet huma li SPPS mandatorja għandha tkun qed topera sa l-2010. Il-Gvern għandu jieħu l-azzjoni kollha meħtieġa biex jistabbilixxi l-mekkaniżmi xierqa biex l-SPPS tiġi ntrodotta sa l-2010. Madankollu, fl-2009 il-Gvern għandu jagħmel valutazzjoni biex jiddetermina jekk il-kondizzjonijiet prevalenti dak iż-żmien huma tali li jeħtieġu l-introduzzjoni mandatorja tat-Tieni Pilastru sa l-2010.
24. Il-kontribuzzjoni annwali għat-TPPS ma għandhiex tkun taxxabbli sa limitu stabbilit. Id-dħul derivat meta timmatura t-TPPS ikun suġġett għat-taxxa fuq id-dħul ibbażat fuq ir-rata tal-PAYE ta' l-individwu.
25. L-Ewwel Pilastru għandu jibqa il-mekkaniżmu prinipali biex jiżgura s-solidarjetà. Il-parteċipazzjoni fl-Ewwel Pilastru għandha tkompli tkun mandatorja.
26. Is-solidarjetà fi ħdan il-ġenerazzjonijiet teħtieġ li d-dħul mill-pensjoni ta' wara l-irtirar ta' l-Ewwel Pilastru jiżdied kull sena għall-pensjonanti kollha fuq bażi uniformi annwali. Il-bażi uniformi annwali li għandha tiġi applikata għandha tkun l-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut.
27. Ir-rakkomandazzjoni tal-NCWR sabiex l-età statutorja ta' l-irtirar tiżdied għal 65 sena hija miżura posittiva mmirata biex twessaħ l-bażi kontributorji kif ukoll iżżid l-għadd ta' ħaddiema.
28. L-età statutorja ta' l-irtirar ta' 65 sena tkun għall-irġiel u għan-nisa.
29. Iż-żieda fl-età statutorja ta' l-itirar għal 65 sena kif proposta għandha tkun gradwali bin-nisa jilħqu 61 sena fl-1 ta' Jannar 2007. Sussegwentement l-età statutorja ta' l-irtirar għandha tiżdied fit-Tabella 08. L-individwi għandu jkollhom l-għażla ta' karriera iqsar bejn l-etajiet ta' 61 u 65 sena fuq il-bażi ta' benefiċċji proporzjonali.
30. Persuna tista' tagħżel li tkompli taħdem lil hinn mill-età statutorja ġdida ta' l-irtirar waqt li tgawdi pensjonijiet ta' l-Ewwel u tat-Tieni Pilastri, bl-ebda limitu fuq id-dħul, waqt li tħallas il-kontribuzzjoni ta' l-Ewwel Pilastru.
31. L-iskema preżenti ta' pensjonijiet ta' l-invalidità għandha tiġi riveduta bil-ħsieb li l-kriterji ta' eliġibilità jsiru aktar stretti kif ukoll biex jiġi adottat il-prinċipju ta' 'rijabilitazzjoni jew xogħol alternattiv qabel il-pensjoni'.
32. Il-linja bażi tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet għall-pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru għandha tinżamm fuq is-salarju bażiku.
33. Il-perjodu ta' kontribuzzjoni għall-pensjoni taż-żewġ terzi ta' l-Ewwel Pilastru għandu jkun skond it-Tabella 09.
34. M'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn persuni li jaħdmu għal rashom u dawk impjegati dwar il-perjodu bbażat fuq iż-żmien li fuqu hi kkalkolata l-pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru u dak il-kalkolu għandu jkun ibbażat fuq il-medja ta' akkumulazzjoni ta' kontribuzzjonijiet għal 40 sena u introdott kif muri fit-Tabella 10.

35. Il-limitu ta' l-MPI ta' l-Ewwel Pilastru għandu jkun l-MPI preżenti aġġustat kull sena biex iqis l-inflazzjoni.
36. Il-linja bażi tad-dħul għad-determinazzjoni ta' l-Ewwel Pilastru għandha tibqa' żewġ terzi tal-paga bażika.
37. M'għandu jkun hemm l-ebda bidla fil-kontribuzzjonijiet tal-Klassi I u tal-Klassi II.
38. Id-dikjarazzjoni fl-Estimi ta' l-2004 illi l-finanzjament għas-saħħa għandu jkun separat mill-finanzjament għas-sigurtà soċjali u jkun *ring fenced*, u li l-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali tiffinanzja s-servizzi tas-saħħa, għandha tibqa' sseħħ.
39. Għandu jiġi stabbilit kont *ring fenced* għal benefiċċji kontributorji u pensjonijiet, b'regolamentazzjoni trasparenti xierqa.
40. Ir-realtà ta' l-impieg atipiku tan-nisa u l-iżvantaġġi li jirriżultaw għandhom jiġu rikonoxxuti u għandhom jiġu ntrodotti strumenti ta' politika ta' pensjoni li jirriflettu din ir-realtà.
41. Għandu jiġi kkunsidrat b'mod posittiv strument li jqis ir-responsabbilitajiet tal-ġenituri rigward perjodi ta' twelid u trobbija tat-tfal billi jipprovdi għal krediti gradwali fil-kontribuzzjonijiet ta' l-individwu kif ukoll għall-ħlas ta' kontribuzzjonijiet volontarji taħt kondizzjonijiet stabbiliti.
42. Għandha tiġi rafforzata l-introduzzjoni ta' miżuri għall-familja biex jippermettu bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja biex b'hekk tiġi żgurata mhux biss il-parteċipazzjoni miżjuda fix-xogħol iżda wkoll li n-nisa jibqgħu jaħdmu.
43. Għandhom jittieħdu miżuri biex ineħħu dawk l-elementi mis-sistema li jinkoraġġixxu perjodi ta' inattività jew attività fl-ekonomija informali u n-nies għandhom jiġu mħajra jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol ukoll fuq bażi *part time.*
44. Għandu jiġi konsidrat b'mod posittiv it-tfassil ta' strumenti li jippermettu 'krediti' waqt perjodi ta' ebda dħul minħabba taħriġ, taħriġ mill-ġdid fi snajja' u l-iżvilupp kontinwu.

## 05.4 Rikonċiljazzjoni tal-Prinċipji Proposti u Rakkomandazzjonijiet tas-sistema ġdida tal-pensjonijiet mar-rakkomandazzjonijiet prinċipali tal-Bank Dinji, rapport ta' Marzu 2004

Kif imfisser fil-Kapitolu 01, il-mudelli ekonometriċi u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bank Dinji ta' Marzu 2004 kienu l-bażi primarja li magħha ġiet paragunata s-sistema ġdida waqt li kienet qed tiġi mfassla. It-Tabella 13 turi rikonċiljazzjoni tas-sistema proposta tal-pensjonijiet mar-rakkomandazzjonijiet prinċipali sottomessi mill-Bank Dinji :

**Tabella 13: Rikonċiljazzjoni tas-Sistema tal-Pensjonijiet Proposta mar-Rakkomandazzjonijiet tal-Bank Dinji ta' Marzu 2004**

| Rakkomandazzjonijiet tal-Bank Dinji ta' Marzu 2004 | Aċċettata |
|---|---|
| Applikazzjoni ta' miżuri biex itaffu l-abbuż fil-Pensjoni ta' l-Invalidità | ✔ |
| Adozzjoni tal-pagi totali (flus, sahra u ħlasijiet in natura) | |
| Żieda tal-kontribuzzjoni ta' min jaħdem għal rasu għal 20%, u li 50% ta' dan jitnaqqas mit-taxxa fuq id-dħul | |
| Tnaqqis tal-kontribuzzjoni minima ta' ħaddiema *part time* biex il-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji jkunu konformi mal-qligħ attwali | ✔ |
| Tneħħija ta' diżinċentivi għal ħaddiema biex jaħdmu lil hinn mill-età minima ta' l-irtirar | |
| L-età ta' l-irtirar tiżdied għal 65 u tapplika għal dawk li għandhom iżjed minn 45 sena | ✔ |
| Żieda oħra fl-età ta' l-irtirar lil hinn minn 65 sena skond titjib futur fit-tul tal-ħajja | |
| Indiċjar għal pensjonijiet ta' wara l-irtirar skond l-inflazzjoni minflok il-kontribuzzjoni ta' 80% marbuta ma' l-inflazzjoni u l-kontribuzzjoni ta' 20% taż-żieda fil-pagi | ✔ |
| Il-pensjoni hi bbażata fuq qligħ mill-karriera *full time* kemm għall-akkumulazzjoni kif ukoll għall-kalkolu tal-linja bażi tal-perjodu tal-pensjonijiet. Karriera *full time* stabbilita għal 45 sena. | Parzjalment aċċettata |
| L-ebda diskriminazzjoni bejn minn jaħdem għal rasu u impjegati fuq il-bażi taż-żmien li fuqha hu kalkolat l-Ewwel Pilastru | ✔ |
| Il-pensjoni mmirata għal karriera sħiħa hija żewġ terzi tal-paga netta minflok żewġ terzi tal-paga gross | |
| Kontribuzzjoni għall-Fond tas-Saħħa mill-PAYG: 1% minn għotja statali; 2% mill-Impjegat | |
| Ħaddiema li għandhom iktar minn 45 sena meta ssir ir-riforma jżommu l-istruttura qadima ta' benefiċċju minkejja li pensjonanti preżenti jkollhom bidla fis-sistema ta' indiċjar għal waħda li hi relatata ma' l-inflazzjoni minflok ma tkun relatata mal-paga | |
| Il-limitu fuq il-kontribuzzjonijiet u fuq il-pensjoni massima jibda jogħla mill-ewwel | ✔ |
| Ir-rati ta' kontribuzzjoni ta' l-Ewwel Pilastru ma jinbidlux | ✔ |
| It-Tieni Pilastru | ✔ |
| Il-kontribuzzjonijiet tat-Tieni Pilastru jammontaw għal 2% kull wieħed minn min iħaddem u mill-imjegati, u 3% minn min jaħdem għal rasu fl-2005, biex jitilgħu gradatament għal 5% kull wieħed minn min iħaddem u mill-impjegati, u 7.5% minn min jaħdem għal rasu fl-2020 | |

| Miċħuda | Ġdida |
|---|---|
| | |
| X | |
| X | |
| | |
| | Persuni jkollhom id-dritt jaħdmu wara l-età ta' l-irtirar b'ebda limitu fuq id-dħul waqt li jgawdu l-pensjonijiet ta' l-Ewwel u tat-Tieni Pilastru. Madankollu jiġu mitluba jħallsu il-kontribuzzjoni fuq id-dħul |
| | L-età ta' l-irtirar ta' 65 sena tintlaħaq b'mod inkrementali għaż-żewġ sessi<br>L-età ta' l-irtirar statutorja għandha tiżdied għal 65 sena u għandha tiġi ntrodotta b'mod gradwali<br>Introduzzjoni tal-possibbiltà gradwali li wieħed jitlaq mill-post tax-xogħol bejn 61 u 65 sena b'mod diżinċentivat |
| X | |
| | |
| | Karriera *full time* definita għal 40 sena. Introdotta b'mod gradwali. |
| | |
| X | |
| Taħt konsiderazzjoni | Teħtieġ diskussjoni mal-Ministeru tas-Saħħa u Servizzi fil-Komunità biex tiżgura li r-rakkomandazzjonijiet huma konsistenti |
| X | Pensjonanti preżenti ma jkunux affettwati bil-bidliet proposti. Proposta ta' proċess ta' implimentazzjoni gradwali |
| | Il-limitu fuq l-MPI jogħla ma' l-inflazzjoni. Il-kontribuzzjonijiet imħallsa jiżdiedu skond hekk |
| | |
| | Proposta ta' mekkaniżmu istituzzjonali differenti.<br>Ikun hemm proċess transitorju li fih jiġi introdott it-Tieni Pilastru fuq bażi volontarja |
| Taħt Konsiderazzjoni | Għandu jsir studju attwarju mill-Gvern permezz ta' l-MFSA biex jiġu determinati l-parametri tat-Tieni Pilastru. |
| | Garanzija tal-Pensjoni Minima indijata ma' mekkaniżmu ġust biex jagħmel tajjeb kontra l-inflazzjoni |
| | Għarfien tan-natura atipika ta' l-impieg tan-nisa u strumenti ta' politika li għandhom jiġu mfassla f'dan ir-rigward |
| | Ħtieġa li tiġi mfassla politika ta' pensjoni li ma tiddiskriminax bejn is-sessi biex tqis ir-responsabbilitajiet tal-ġenituri rigward t-twelid u t-trobbija tat-tfal |
| | Ħtieġa li titfassal politika ta' pensjonijiet ta' tagħlim matul il-ħajja biex issostni l-isforzi ta' Malta biex tkun ekonomija bbażata fuq l-għarfien |
| | Twaqqif ta' Kont tal-Pensjonijiet |